**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 49

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 11 ta' Jannar 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 48

49.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmienja u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

49.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

49.2.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini, l-minuti tat-tmienja u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.3.1 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif l-Bandli fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv huma lesti. Huwa spjega kif il-kunsill issa qed iħejji ruħu biex jibdew jitwaħħlu l-fanali l-ġodda li xtara riċenti l-kunsill, flimkien mal-bins u xi bankijiet. Is-Sindku qal kif ukoll trid tingħata tindifa sew fl-akwata.

49.3.2 Is-Sindku qal li issa diment li l-Festi tal-Milied u s-sena l-ġdida għaddew, jista jgħid li l-kunsill kellu feedback tajjeb ħafna mingħand ir-residenti u nies li żaru l-lokalita ta' Ħal Lija, dwar t-tiżjien relatat mal-Milied. Dan it-tiżjien kien wieħed ta' ċertu standard u sebbaħ il-lokalita immens speċjalment is-siġar tal-Pjazza u Vjal it-Trasfigurazzjoni kollha. Skond l-istess sorsi l-attivitajiet l-oħra tal-Milied kollha wkoll kienu ta' suċċess. Is-Sur Dalli rringrazzja li kull min ta s-sehem tiegħu fil-preparament tat-tiżjien u l-attivitajiet, speċjalment l-impjegati tal-Kunsill kollha li anke ddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom u anke kien hemm min offra l-equipment muzikali tagħhom biex dawn l-attivitajiet irnexxew.

49.3.3 Is-Sur Dalli ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera fejn qal li s-sistema l-ġdida tal-ġbir ta' l-iskart bieb bieb, daħlet fit-tieni ġimgħa tagħha u ġabet diversi problemi u diffikulatjiet. Il-ħin li jibda s-servizz tad-9.30 am, mhux qed jinżamm kuljum u l-ġabra qed iddum wisq. Il-Kuntrattur ġieli ħa 6 siegħat biex intemmet l-istess ġabra. Dan qiegħed ukoll iseħħ peress li l-Kuntrattur fis-7.30 am qed jibda minn lokalita qrib ta' Ħal Lija u wara jibda Ħal Lija. Hemm ukoll il-problema li waqt nofs il-ġabra qed imur ċerti ġranet jarmi l-materjal ġewwa M'Scala u jispiċċa jieħu madwar siegħa u nofs biex umbgħad jerġa jidħol fir-rotta. Fattur ieħor huwa li nbidel ix-xufier u għalkemm dan ix-xufier ġieli għamel xi xogħol fil-lokalita, qiegħed iħawwad ir-rotta. Is-Sur Dalli enfasizza ukoll li ħadd mir-Reġjun Lvant (li jaqa taħtu l-kunsill ta' Ħal Lija) ma qiegħed jieħu l-inkarigu li jissorvelja u jippjana minn qabel dawn ir-rotot.

***Il-ħin kien 5:07pm x'ħin wasal il-Kunsillier, is-Sur Joseph Zahra.***

## 49.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

49.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, iżda s-Sindku wieġeb mistoqsija żgħira dak il-ħin li saret mill-Kunsillier Ċini.

49.4.2 Is-Sur Ċini staqsa lis-Sindku dwar il-proġett tal-bankini fi parti ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni (mit-Torri l-isfel) u staqsa lis-Sindku jekk IM avviċinatx lil kunsill dwar il-bidu ta' dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb kif IM diġa taf b'dan il-proġett u l-ftehiem li kien sar mas-Sur Fredrick Azzopardi meta kien għadu hu CEO ta' IM, għadu jgħodd. Pero l-kunsill qabel jibda b'dan il-proġett xorta jrid jistenna l-konferma tac-CEO kurrenti, tas-Sur Ivan Falzon.

## 49.5 Korrispondenza

49.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 00356. Is-Sinjorina Borg infurmatha kif dik hija korrispondenza mibgħuta mingħand l-entita tal-heritage biex tindaga dwar l-inċident li sar riċenti fuq il-British inspection box fi Triq il-Mitħna, fejn baqgħet dieħla karozza ġo fiha.

49.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf dwar xiex titratta korrispondenza numru 00360. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik hija korrispondenza biex tfakkar lil kunsilli biex it-tabelli viċin tal-playingfields, li juru li fil viċinanzi hemm playingfield, kif ukoll tabelli oħrajn ġol-playing fields, dejjem iridu jkunu f'posthom u jidhru sew minħabba s-sigurta.

49.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 00364. Is-Sinjorina Borg infurmatha kif dik hija korrispondenza mibgħuta mingħand Transport Malta bi rapport ta' xi ħadd li applika għal reserved parking bay, biex jimtela r-rapport mill-Kunsill.

## 49.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar sa Diċembru 2022

49.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport għadu ma ġiex ikkumpilat peress li l-accountant technician għadu qed jaħdem bl-inputting tal-aħħar tas-sena fis-sistema tas-sage. Dan l-item kellu jiġu maqbuż u ser jerġa jiġi mressaq fis-seduta li jmiss.

## 49.7 Festival taċ-Ċitru 2023

49.7.1 Is-Sindku aġġorna lil kunsilliera dwar il-preparazzjonijiet li bħalissa l-kunsill qed jaħdem fuqhom inkonnessjoni mal-Festival taċ-ċitru. Is-Sindku qara lista ddettaljatha tal-preparazzjonijiet li qed isiru, li kopja ta' din il-lista qed tiġi annessa fl-aħħar ta' dawn il-minuti. Wara li s-Sindku spiċċa jaqra din il-lista, saru xi diskussjonijiet żgħar dwar il-kontenut imsemmi.

49.7.2 Finalment, il-Kunsilliera kollha ħadu nota tal-preparazzjonijiet msemmija, li diġa kemm hemm qbil dwarhom fis-seduta preċedenti.

## 49.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

49.8.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2022</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance report* tagħha għas-sena 2022, għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera. Is-Sinjorina Borg ħarġet ftit mill-kamra biex jiġi diskuss dan ir-rapport.

49.8.1.2 Is-Sindku ddiskutha dan ir-rapport mal-kunsilliera u kif intemmet din id-diskussjoni s-Sinjorina Borg reġgħat ġiet imsejħa lura fil-laqgħa. Is-Sur Dalli nforma lis-Sinjorina Borg li l-kunsill unanimament approva l-*appraisal performance report* tagħha bi persentaġġ full ta' 10% li għandu jiġi mgħotti minn naħa tal-Kunsill, għaliex il-kumplament tal-persentaġġ (ta' 5%) minn naħa tad-dipartiment tal-Gvern Lokali ssa jrid jiġi approvat. Is-Sindku qal lis-Sinjorina Borg kif huwa qed jittama ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Loakli minn-naħa tiegħu ukoll jagħtiha l-persentaġġ il-full tal- 5%, għaliex finalment hekk jixraqilha tal-ħidma u l-istinkar li hija dejjem tagħti. Is-Sinjorina Borg irringrazzjat ħafna lis-Sindku u l-kunsilliera kollu.

49.8.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-performance appraisal reports tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2022</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance reports* tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2022, għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera.

49.8.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li għas-sena 2022 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati erbgħa (4) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2022;

- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 01 Jannar sa 30 Ġunju 2022;
- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu minn 01 Lulju sa Diċembru 2022; u
- Tas-Sur Roderick Debono fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 01 Lulju sa Diċembru 2022.

49.8.2.3 Bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg tkelmet fuq dawn l-*appraisal reports* u hija pproponiet li l-ħaddiema klerikali kollha msemmija jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal-*performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is-sena 2022. Il-Kunsill lokali għandu tijm amministrattiv ferm tajjeb u produttiv fi xogħlu.

49.8.2.4 Il-Kunsill unanimament approva dawn l-appraisal performance reports kif ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

49.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €58.12 għax-xahar ta' Diċembru.

49.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 49.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

49.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 49.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

49.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

49.11.2 Is-Sur Zahra staqsa lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ġewwa Ħal Lija ġietx installatha x'imkien magna tal-BCRS. Kemm is-Sindku u kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv wieġbuh li le. Is-Sur Zahra staqsa din il-mistoqsija għaliex fl-opinjoni tiegħu jaf ikun hemm xi lmenti peress li biex jarmu l-flixkien tal-ilma, residenti jkollhom joħorġu barra mir-raħal. Is-Sindku qallu li sissa l-kunsill għadu ma rċeviex ilmenti ta' dan it-tip mir-residenti.

49.11.3 Is-Sinjorina Farrugia għamlet rimarka dwar l-akwata ta' Ta' Senna, u qalet li f'din l-akwata xi drabi jkun hemm daqsxejn telqa, ħmieġ u anke ħafna ħaxix. Is-Sindku nfurmaha kif il-kunsill qed jieħu ħsieb mill-aħjar li jista biex jara li kull parti tar-raħal qed tiġi mgħoqdija ftit ftit. Dwar il-ħaxix u s-siġar żied jgħid kif jumejn ilu l-kunsill ħa ħsieb li jsir l-iżbir tas-siġar u ħaxix ħażin u din ma kienetx xi ħaġa faċli biex saret. Dan għaliex kellha tiġi kkordinatha ġurnata mal-Enemelta biex jinqata d-dawl peress li kien hemm xi wires tad-dawl ġos-siġar u xorta pparkjaw l-karozzi minkejja li tweħlu n-no parkings signs kif suppost fil-ħin.

49.11.4.1 Is-Sur Cini staqsa fiex wasal il-kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-fanali ornamentali fi Triq Preziosi. Is-Sindku wieġbu kif dawn il-fanali waslu u filfatt l-kunsill qed jistenna li tintbgħatlu l-invoice tagħhom, biex jingħataw l-fondi mir-Reġjun Lvant. Barra minnhekk il-kuntrattur fil-viċin dalwaqt ser jagħti data lis-Sindku biex jiġi fuq il-post u jibda bl-installazzjoni ta' dawn il-fanali b'mod imminenti.

49.11.4.2 Dwar l-istess suġġett, is-Sur Ċini staqsa ukoll jekk minn dawn il-fanali l-antiki li ser jinbidlu, jekk mhux possibbli li żewġ fanali minnhom jitpoġġew fi Ħalmann, lejn iċ-ċimiterju tal-Abbati. Is-Sindku wieġeb kif dan possibbli iva jsir. Il-Kunsill diġa kien beda jagħmel hekk u fanali antiki li jkunu għadhom tajbin jitpoġġew fi Ħalmann fejn hemm xi ftit

residenzi. Filfatt baqa xi ftit residenzi fi Ħalmann li fil-viċin tagħhom mhemmx bozza u għalhekk l-fanali li jinqalaw minn Preziosi tajjeb li jitpoġġew ftit minnhom hemmhekk biex kulħadd ikompli jkun moqdi.

49.11.5 Dwar il-fanali tal-ġnien is-Sindku nforma lil kunsilliera kif il-kunsill qed jistenna kwotazzjoni mingħand ħaddied biex il-arbli kurrenti li hemm fil-ġnien jiżdiedu bi 50cm ħalli jkun jistgħu jidħlu u jitpoġġew sew ġo fihom l-fanali l-ġodda. Appena tasal din il-kwotazzjoni u tiġi approvatha mill-kunsill anke l-implementazzjoni ta' dawn il-fanali tista tibda b'mod imminenti.

*Il-Ħin kien 6:07pm meta il-Viċi Sindku Daniel Mallia u l-Kunsillier Joseph Zahra talbu biex jiġi skużati u joħorġu mill-laqgħa.*

49.11.6 Il-Kunsillier Cini qal li avviċinawh xi nies biex jiġi nstallat doggy bin ieħor fi Ħalmann għaliex wieħed biss hemm in-naħa tal-Kunċizzjoni. Is-Sindku spjega kif dan jista jiġi mplementat pero alissa ser jitnizzel fil-lista ta' xogħlijiet pendenti u mhux ser jinxtara ssa għaliex il-kunsill baqalu ħafna mplimentazzjonijiet x'jagħmel li għandhom aktar preċedenza bħalissa. Ukoll is-Sur Dalli enfasizza kif bħala prezz kollox huwa għoli u għalhekk il-kunsill irrid jieħu l-ispejjeż kollha nkunsiderazzjoni u jagħmel ċertu prioritajiet. Pero meta jkun l-waqt dan id-doggy bin għandu jiġi mplementat.

49.11.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-kuntrattur li qed jagħti wiċċ ġdid tat-Triq is-Salvatur tax xi ndikazzjoni meta x-xogħol kollu ser ikun lest. Is-Sindku wieġeb kif il-kunsill ġie nfurmat li dan ix-xogħol għandu jdum tlett xhur, dan skond xi jsibu taħt it-tarmac. Ix-xogħol sissa jidher mixi sew ħafna b'ritmu mgħaġġel.

49.11.8 Il-Ħin kien 6:13pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 08 ta' Frar 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 08 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
Festival taċ-Ċitru
Il-ĦADD 29 ta' Jannar, 2023
Pjazza Trasfigurazzjoni u parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni
9am – 4pm

1. Niktbu lil-Pulizija lis-Supt.Vella biex ninfurmawh.
2. Nordnaw 2 Pulizija extra duty bi ħlas bejn 9am u 5pm għall-Buon Ordni.
3. Nordnaw 2 Gwardjani Lokali fixed point ( wieħed fi Triq Sir Ugo Mifsud c/w Triq il-Forn biex jagħlaq it-Triq, u l-ieħor Vjal it-Trasfigurazzjoni c/w Fernad Grech u Triq Robert Mifsud Bonniċi).
4. 1 Gwardjan ieħor bejn 7am u 11am biex nikklerjaw il-parking.
5. Niktbu lil-Farsons għal 10 mwejjed tal-BBQ.
6. 10 Zgambarelli tal-MTA.
7. 100 siġġu mingħand Gino Chairs.
8. Tinda 10ft X 10ft inkluz 3 sides.
9. 10 pilandri u bandalori. (Għaqda Festi ta' Barra)
10. Bar (Għaqda San Mikiel tan-Nar)
11. Qfief biċ-Ċitru (exhibtion mill-ġonna ta' Ħal Lija)
12. 10 mwejjed twal għal bar. (*HOLD*)
13. Banda San PIO X bejn 10am u 12pm (iddur mad-dawra ż-żgħira)
14. Gozo Folklore Group.
15. 2 żwiemel tal-kavalerija tal-Pulizija.
16. Xarabank ta' Ħal Lija antika 1990.
17. 8 Umbrelel.
18. Stand tal-Kunsill.
19. Xiri ta' larinġ ta' Ħal Lija għal bejgħ (qliegħ minnu għal Parroċċa)
20. Rokna logħob għat-tfal.
21. Tberik ta' l-Annimali ( Għaqda Festi Esterni)

22. Stands Donuts, Kannoli, Mqaret bil-larinġ etc.

23. Qubbajd, Għasel ta' Malta, żejt, Artiġjanat etc.

24. Bejjiegħ tal-ħaxix frisk.

25. Kok u mixologist.

26. Taħdidiet dwar varjeta ta' ċitru, taħwil ta' siġar, tilqim u kura tas-siġar.

27. Taħdidiet dwar sbuħija u kura miċ-ċitru.

28. Bejjiegħ tal-Ħwawar Maltin.

29. Bejjiegħ Pjanti, Fjuri u Xtieli.

30. Tindif tat- Toroq.

31. Tindif Latrina.

32. 10 Bins on wheels.

<u>Marketing</u>
Banner għal Vjal it-Trasfigurazzjoni.
TV and Radio slots.
Internet (Boosting)
Poster by email Lukandi.
***<u>Programm ta' ħin tal-attivitajiet.</u>***